MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-14 ta' Novembru, 2013

Citazzjoni Numru. 1211/1989/1

**Pauline Schembri ; u b`digriet tat-30 ta` April 1991 l-gudizzju gie trasfuz f`isem Victor Schembri stante l-mewt ta` l-attrici ; u b`digriet tas-27 ta` Frar 1993 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta` Catherine mart Joseph Micallef u minnu assistita, Alfred Schembri, Joyce mart Lawrence Gatt u minnu assistita, Marlene mart Francis Farrugia u minnu assistita, Victor Schembri, Anthony Schembri, Leonard Schembri u Mark Schembri, ulied il-mejjet konvenut Victor Schembri, u Joseph Schembri, Lina mart Joseph Grixti u minnu assistita, u Rita Bugeja ; u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-attrici Lina Grixti gew trasfuzi f`isem Mary Louise Grixti, stante l-mewt taghha ; u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-attur Joseph Schembri gew trasfuzi f`isem Catherine Schembri, stante l-mewt tieghu ; u b`digriet tal-11 ta` Ottubru 2010 l-atti tal-attrici Rita Bugeja gew trasfuzi f`isem Imelda Agius, stante l-mewt taghha**

***kontra***

**Mario Baldacchino u b`digriet tat-12 ta` Novembru 2004 l-atti gew trasfuzi f`isem Nicolo` Baldacchino Orland stante l-mewt tal-konvenut Mario Baldacchino**

**Il-Qorti :**

## I. Preliminari

Rat ic-citazzjoni prezentata fit-30 ta` Novembru 1989 li taqra hekk –

*Peress illi fil-31 ta` Dicembru 1987 l-attrici kienet appuntat lill-konvenut bhala mandatarju generali taghha ;*

*Peress illi b`ittra ufficjali tas-26 ta` Mejju 1989, hi kienet itterminat l-imsemmi mandat (Dok. A) ;*

*Peress illi fl-10 ta` Lulju 1989, il-konvenut gibed is-somma ta` tlett elef u tmien mitt lira (Lm 3,800) minn kont tal-attrici, oltre l-imghax ta` mija u seba` u tmenin lira (Lm 187), kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni, liema operazzjoni fi kwalunkwe kaz, ma kenitx tikkonsisti f`att ta` amministrazzjoni kif irid l-Art. 1863(1) tal-Kodici Civili ;*

*Peress illi nonostante t-terminazzjoni tal-Mandat, il-konvenut baqa` jiehu l-pensjoni tal-attrici, inkluz il-bonus, ghal perjodu ta` cirka hames xhur, minghajr ma jghaddihom lill-attrici, liema somma tammonta ghal hames mija u tliet liri (Lm 503), b`mod illi l-attrici m`ghandhiex biex tghix ;*

*Peress illi ghalkemm interpellat sabiex jirrifondi l-ammont intier ta` erbat elef erba` mija u disghin lira (Lm4,490), il-konvenut baqa` inadempjenti ;*

*Jghid il-konvenut il-ghaliex din il-Qorti m`ghandhiex :*

*1. Tiddikjara illi l-agir tal-konvenut hu abusiv, illegali u kontra l-ligi ;*

*2. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi l-ammont ta` tlett elef u tmien mitt lira (Lm 3,800) oltre l-imghax ta` mija u sebgha u tmenin lira (Lm 187), lill-attrici stante illi dawn l-ammonti ttiehdu mill-konvenut kontra d-dispost tal-Art. 1863 tal-Kodici Civili (Kap. 16) ;*

*3. Tikkundanna lill-konvenut jirrifondi lill-attrici l-pensjoni u bonus taghha ammontanti ghas-somma ta` hames mija u tlett liri (Lm503), liema somma nzammet minnu llegalment ;*

*4. Taghti dawk il-provvedimenti l-ohra kollha li din il-Qorti jidhrilha xierqa.*

*Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-protest tas-16 ta` Novembru 1989, u tal-Mandati ta` Sekwestru u Qbid tal-istess data, u bl-imghax mis-26 ta` Mejju 1989.*

*Il-konvenut ingunt in subizzjoni.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-attrici, il-lista tax-xhieda ndikati minnha u l-elenku ta` dokumenti esebiti mac-citazzjoni.

Rat in-nota ta` l-eccezzjonijiet tal-konvenut prezentata fl-10 ta` Jannar 1990 li taqra hekk –

*Illi l-azzjoni attrici hija ntempestiva stante li l-istess attrici inizzjat kawza kontra l-eccipjent fejn talbet li jigi dikjarat li l-prokura moghtija lilu fil-31 ta` Dicembru 1986 tigi revokata – liema kawza ghadha pendenti quddiem dina l-Qorti 'Pauline Schembri vs Mario Baldacchino' (Citaz. Nru. 698/89(M).*

*Illi minghajr pregudizzju tal-premess l-azzjoni attrici hija rritwali u vessatorja peress li mhux legalment koncepibili li titlob dikjarazzjoni u kundanna ghar-rifusjoni ta` flus amministrati mill-eccipjent minhabba revoka ta` prokura meta l-validita` o meno tal-istess revoka tifforma l-meritu tal-kawza fuq imsemmija li ghadha pendenti.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-ewwel zewg eccezzjonijiet l-ewwel (1) u r-raba` (4) talbiet m`humiex legalment sostenibbli peress li l-Qorti ma tistax tigi mitluba taghmel dikjarazzjoni generika minghajr riferenza ghal liema artikoli qieghda tintalab din id-dikjarazzjoni u di piu` r-raba` talba hija zejda u ghalhekk fi kwalunkwe kaz l-attrici ghandha tbati l-ispejjez taghha.*

*Illi fil-meritu l-eccipjent ghandu prokura legali mahruga favur tieghu mill-attrici u dak li ghamel gie esegwit fit-termini tal-istess prokura u skond il-ligi.*

*Salv eccezzjonijiet ulterjuri.*

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenut u l-lista tax-xhieda ndikati minnu.

Rat l-atti tal-kawza, inkluzi l-provi li ngabru, kif ukoll ir-relazzjoni tal-perit legali Av Dr Joseph M Buttigieg.

Rat il-verbal tal-udjenza tal-20 ta` Ottubru 2009 (fol 396) fejn id-difensur tal-atturi rrimetta ruhu ghar-rapport peritali.

Rat in-nota li l-konvenut ipprezenta fl-20 ta` Ottubru 2009 (fol 397) fejn talab il-hatra ta` periti addizzjonali, liema talba kienet rinunzjata fl-udjenza tas-7 ta` Dicembru 2009 (fol 398).

Rat in-nota ta` osservazzjonijiet li l-konvenut ipprezenta fl-udjenza tal-25 ta` Novembru 2010.

Rat in-nota responsiva li l-atturi pprezentaw fit-2 ta` Mejju 2011.

Rat id-digriet taghha moghti fl-udjenza tat-13 ta` Gunju 2011 fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti l-ohra tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**II. <u>Ir-relazzjoni peritali</u>**

**a) <u>Generali</u>**

Il-gbir tal-provi sar mill-periti legali li kienu mahtura mill-Qorti waqt l-iter twil tal-kawza, bl-ahhar perit ikun l-Av Dr. Joseph M Buttigieg li kien mahtur mhux biss fil-kawza tal-lum izda wkoll fil-kawza fl-ismijiet *Pauline Schembri vs Mario Baldacchino' (Citaz. Nru. 698/89(M)* li ghaliha l-

konvenut ghamel riferenza fl-ewwel eccezzjoni tieghu. Dawn iz-zewg kawzi tmexxew flimkien bil-provi li jingabru f`wahda jkunu jghoddu ghall-ohra (ara l-verbal tas-seduta peritali tal-4 ta` Ottubru 2000). Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali jaghmel riferenza ghall-assjem tal-provi. Wara li rat il-provi, il-Qorti tqis illi r-riassunt li sar mill-perit legali huwa gabra preciza u korretta tal-provi saljenti. Il-Qorti qeghda ghalhekk, a skans ta` repetizzjoni, taghmel riferenza ghar-riassunt tal-perit legali ghall-fini tad-decizjoni tal-lum.

**b) <u>Kostatazzjonijiet</u>**

Fir-relazzjoni tieghu, il-perit legali jaghmel dawn il-kostatazzjonijiet –

Illi fil-**<u>31 ta` Dicembru 1987</u>**, Pauline Schembri rrilaxxjat prokura generali favur Mario Baldacchino (Dok KA).

Illi b`ittra ufficjali tas-**<u>26 ta' Mejju 1989</u>**, Pauline Schembri rrevokat din il-prokura generali u zammet lil Mario Baldacchino milli jkompli jagixxi ghan-nom taghha. Fl-istess waqt interpellatu sabiex jirrendi kont ta' dak kollu li kien ghamel in forza tal-istess prokura (Dok A) (*Dok A* – fol. 7 sa 10 ta' dan il-process).

Illi din l-ittra ufficjali kienet notifikata lill-Mario Baldacchino fil-**<u>31 ta' Mejju 1989</u>**. U kienet notifikata lill-banek Maltin fl-istess jum.

Illi b'ittra ufficjali tal-**<u>1 ta' Gunju 1989</u>** (Dok KC), Mario Baldacchino wiegeb hekk ghall-ittra ufficjali ta` Pauline Schembri tas-26 ta` Mejju 1989 –

"...*ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi huwa ma jistghax jaccetta r-revoka tal-prokura generali lilhu mghotija minnek peress li huwa konvint li l-ittra ufficjali mibghuta f'ismek giet mibghuta minghajr l-awtorizzazzjoni tieghek stante il-fatt li ma intiex f'kondizjoni mentali li tifhem l-import ta' atti simili...*"

Illi Pauline Schembri wiegbet ghal din l-ittra ufficjali ta` Mario Baldacchino permezz ta` ittra legali ; ma` din l-ittra kien anness certifikat mediku datat **25 ta` Mejju 1989** rilaxxjat mit-Tabib Psikjatra George Debono (Dok KD).

Illi Mario Baldacchino wiegeb hekk b`ittra legali tas-**27 ta` Gunju 1989** (Dok KE) – *"Sfortunatament it-tabib tal-klijent tieghi ma jaqbilx mac-Certifikat mahrug minn Dr G Debono"*. Mal-ittra kien anness certifikat tat-Tabib Konsulent Anthony Galea Debono tat-**23 ta` Marzu 1989**.

Illi fis-**6 ta` Lulju 1989**, Pauline Schembri pprezentat il-kawza Citaz Nru 698/1989 kontra Mario Baldacchino.

Illi minkejja r-revoka tal-prokura, Mario Baldacchino fl-**10 ta' Lulju 1989** agixxa a bazi tal-prokura u ghalaq il-kont fil-Mid-Med Bank numru X130727 intestat f'isem Pauline Schembri u fl-istess jum fetah kont iehor bl-istess ammont ta' kapital, fi branch differenti tal-istess Bank, però intestat *"Mario Baldacchino as administrator of Pauline Schembri."* Dan it-tieni kont kien igib in-numru 025942.

Illi wara li kien notifikat bl-ittra ufficjali ta` Pauline Schembri, Mario Baldacchino baqa' jircevi u jsarraf ic-cheque tal-pensjoni taghha ghal numru ta' xhur.

Illi Mario Baldacchino pprezenta Dok VF fejn hemm rendikont ta’ operazzjonijiet bankarji effettwati minnu **wara** r-revoka tal-prokura mill-attrici.

Illi minn Dok VF, kif ukoll minn Dok AG1, MD u AUD3 li kienu esebiti minn rapprezentant tal-HSBC Bank Malta plc (bhala successur tal-Mid-Med Bank Limited), jirrizulta li **wara** l-31 ta` Mejju 1989, u cioe` wara li kien notifikat bir-revoka tal-mandat, Mario Baldacchino ittrasferixxa flus, sarrfu cheques, fetah kontijiet, u ghamel depoziti f`dawk il-kontijiet.

Illi fl-**10 ta` Lulju 1989**, Mario Baldacchino ghalaq il-Fixed Deposit Account nru X130727 bl-ammont ta' Lm 3,800 f`isem Pauline Schembri li kien fil-fergha tal-Mid-Med Bank Limited, High Street, Sliema, u fetah Fixed Deposit Account nru 025942 bl-isem '*Mario Baldacchino bhala Amministratur ta' Pauline Schembr*i' ghall-istess ammont ta' Lm 3,800 fil-fergha tal-Mid-Med Bank Limited, Manwel Dimech Street, Sliema. L-imghax ta' Lm 190 li thallas fuq l-ammont ta' Lm 3,800 meta inghalaq il-kont numru X130727 kien depozitat go Savings Account nru 084030562 li infetah dakinhar stess tal-10 ta` Lulju 1989 bl-isem `*Mario Baldacchino bhala amministratur ta' Pauline Schembri*' fil-fergha tal-Mid-Med Bank Limited, Manwel Dimech Street, Sliema.

Illi fis-Savings Account fuq riferit, mal-Lm 190 tal-imghax, Mario Baldacchino iddeposita l-pensjoni u l-bonus ta' Pauline Schembri fl-ammont ta` Lm 502.

## c) Konsiderazzjonijiet

Skond il-perit legali, *is-soluzzjoni principali tal-vertenza li nqalghat bejn iz-zewg partijiet tinstab primarjament fid-dokument VF u d-dokumenti bankarji li gew esebiti. Ix-xhieda orali ghandha valur in kwantu tispjega l-provi dokumentarji mressqa.*

Id-Dok VF huwa l-*istatements of funds* li pprezenta Mario Baldacchino fil-kawza 689/89 fl-istess ismijiet u li kopja tieghu jaghmel parti kien esebit fil-kawza tal-lum. Fid-dokument hemm spjegati l-ammonti reklamati mill-attrici fil-kawza tal-lum.

**d) L-eccezzjonijiet**

Il-perit legali ttratta l-eccezzjonijiet kif gej –

**i) L-ewwel eccezzjoni**

Illi Mario Baldacchino ma kkontestax ir-revoka b`azzjoni ad hoc.

Illi t-talba attrici fil-kawza Citaz. Nru. 698/89 kienet sabiex il-Qorti tiddikjara revokat il-mandat moghti lill-konvenut fil-31 ta' Dicembru 1987 u mhux sabiex il-mandat jigi revokat.

Illi l-mandat kien revokat bl-ittra ufficjali tas-26 ta` Mejju 1989.

Illi kull kwistjoni ta` intempestivita` giet superata mill-eventi fil-mori tal-kawza bil-mewt ta` Pauline Schembri l-ewwel u bil-mewt ta` Mario Baldacchino wara.

Illi ghalhekk l-ewwel eccezzjoni m`ghandhiex tinghata aktar konsiderazzjoni minhabba l-eventi kif svolgew.

**ii) It-tieni eccezzjoni**

Illi Mario Baldacchino ma ghamel l-ebda azzjoni ad hoc biex biex jattakka l-ittra ufficjali li permezz taghha kienet revokata l-prokura generali.

Illi fil-kawza Citaz. Nru. 698/1989, il-posizzjoni li ha Mario Baldacchino kienet illi jilqa` ghall-azzjoni attrici billi jallega li Pauline Schembri ma kenitx *compos mentis*.

Illi r-revoka tal-prokura dahlet fis-sehh hekk kif Mario Baldacchino kien notifikat bl-ittra ufficjali.

Illi l-azzjoni attrici mhijiex irritwali.

**iii) <u>It-tielet eccezzjoni</u>**

Illi z-zewg domandi attrici cioè (i) u (iv) li lejhom hi mirata din l-eccezzjoni <u>ghandhom utilità</u> fil-kawza.

**iv) <u>Ir-raba` eccezzjoni</u>**

Illi din tolqot il-mertu.

**e) <u>It-talbiet</u>**

Il-perit legali esprima ruhu hekk dwar it-talbiet –

**i) <u>L-ewwel talba</u>**

Illi r-revoka tal-prokura generali kienet valida.

Illi minkejja r-revoka tal-prokura, u wara l-istess revoka, Mario Baldacchino baqa` jopera il-kontijiet bankarji ta' Pauline Schembri, u jircevi u jsarraf il-pensjoni taghha.

Illi l-agir kollu ta` Mario Baldacchino wara li kien notifikat bir-revoka tal-mandat kien imur kontra l-volontà ta' Pauline Schembri.

Illi ghalhekk l-ewwel talba kienet fondata.

**ii) <u>It-tieni talba</u>**

Illi wara r-revoka tal-prokura, Mario Baldacchino ghalaq kont tal-bank tal-attrici, u bil-flus u l-imghax li akkumula f`dak il-kont, fetah kont gdid din id-darba intestat f`ismu bil-kwalifika li kien qed jagixxi bhala amministratur tal-attrici.

Illi l-kapital ta` dan il-kont il-gdid baqa` l-istess bl-imghax jizdied mal-kapital.

Illi l-kont 008001992100 kien ghadu miftuh. Fis-17 ta' Lulju 2007 kien juri l-ammont ta` Lm7,763.57. L-istorja tal-kont tmur lura sas-16 ta` Lulju 1994 ghaliex il-bank ma jzommx l-istatements ta` qabel dik id-data.

Illi fis-16 ta` Lulju 1994, il-kapital tal-kont kien Lm 4,589.52.

Illi huwa korrett dak li jirrizulta fl-istatement tal-konvenut Dok VF u cioe` li l-interessi illi kienu jiddekoru fuq il-kapital kull sena baqghu jizdiedu mal-kapital tenut kont tal-fatt illi mill-ammont originali ta' Lm 3800 f'hames snin telgha ghal Lm4,589.52, zieda ta' Lm789.52.

Illi bejn l-1989 u 1994, ghal kont fiss, il-bank kien ihallas interessi ta` 5%. Fuq Lm 3800, l-interessi annwi kienu ta` Lm 180. Baqghu jizdiedu mal-kapital sena wara l-ohra hlief ghal sena wahda biss u cioe` l-1990.

Illi ghalhekk sal-1994 mal-kapital kellhom jizdiedu l-interessi ta' 4 snin cioè Lm 760 (i.e. Lm 190 x 4). Id-differenza ta` Lm 29.62 (i.e. Lm 789.62 – Lm 760) huma l-interessi fuq l-interessi illi ghaddew fuq l-ammont kull sena u li kienu jizdiedu mal-kapital.

Illi l-ammont mitlub fit-tieni talba huwa kollu kemm hu depositat fil-kont tal-HSBC Bank Malta plc intestat *Mario Baldacchino bhala amministratur ta` Pauline Schembri* – liema ammont jappartjeni lill-wirt ta` Pauline Schembri.

Illi ghalhekk it-tieni talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha, fis-sens illi l-ammont kollu li jinsab fil-kont tal-HSBC Bank Malta plc bin-Nru 008-001992100 jappartjeni u ghandu jinghata lill-werrieta ta' Pauline Schembri.

**iii) <u>It-tielet talba</u>**

Illi mill-konteggi li ghamel Mario Baldacchino fid-Dok VF (ara Note 3) jirrizulta l-ammont ta` Lm 502 ghaz-zmien ta` qabel it-30 ta` Ottubru 1989 – data tal-presentata tac-citazzjoni. L-ammont tqieghed fil-kont tal-Mid-Med Bank Limited 084030562. Il-kont issa tal-HSBC Bank Malta plc bin-Nru 008-001992051 ghadu miftuh u fl-1 ta` Jannar 2008 kellu Lm1409.27 ekwivalenti ghal €3282.72.

Illi dwar l-ammont reklamat fit-tielet talba jidher illi dawn il-flus gew depositati mill-konvenut fil-kont fuq indikat li baqa' jikber bl-interessi, minn sena ghal sena.

Illi l-ammont depositat fil-kont jappartjeni lill-wirt ta` Pauline Schembri.

Illi ghalhekk it-tielet talba attrici hija gustifikata u ghandha tigi milqugha, fis-sens illi l-ammont kollu li jinsab fil-kont tal-HSBC Bank Malta plc bin-Nru 008-001992051 jappartjeni u ghandu jinghata lill-werrieta ta' Pauline Schembri.

**iv) <u>Ir-raba` talba</u>**

Lill-Qorti huwa rimess l-ghoti ta` kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq.

**Ikkunsidrat :**

**III. <u>Sottomissjonijiet</u>**

**a) <u>tal-konvenuti</u>**

Billi r-relazzjoni peritali kienet sfavorevoli ghall-konvenuti, u l-atturi rrimettew ruhhom ghar-rapport, il-konvenuti ghamlu sottomissjonijiet bil-miktub.

Il-konvenuti jistiednu lill-Qorti sabiex tqis ic-cirkostanzi li agixxa fihom Mario Baldacchino fiz-zmien in kwistjoni billi tevalwa l-provi li ngabru fil-kawza Citaz Nru 1009/1990. Skond il-konvenut, ghalaq il-kont li kien fil-

fergha ta` High Street, Sliema, *for safety reasons* ghaliex kien konvint li *kienu ser ihalluha minghajr penny.*

Il-konvenuti jaghmlu riferenza ghad-deposizzjoni ta` Mario Baldacchino fil-kawza Citaz Nru 698/1989 meta xehed dwar x`ghamlu Victor Schembri u bintu Catherine meta fl-10 ta` Novembru 1989 hadu lil Pauline Schembri biex tizbanka flus l-ewwel il-Mid Med Bank u wara l-Bank of Valletta.

Li ghamel Mario Baldacchino ghamlu sabiex jipprotegi lill-mandanti tieghu *peress li kien qed jissuspetta li dan ma kienx gej minnha u dan anke fid-dawl tal-fatt tal-kundizzjoni mentali taghha.*

Il-flus ta` Pauline Schembri li Mario Baldacchino ddepozita fil-banek lokali ghandhom jigu zbankati mill-eredi ta` Pauline Schembri.

**b) <u>tal-atturi</u>**

Riferibbilment ghall-ewwel u ghat-tieni eccezzjonijiet, jirrizulta li Pauline Schembri revokat il-mandat ta` Mario Baldacchino xhur qabel il-presentata ta` din il-kawza. Mario Baldacchino ma setax jattakka r-revoka tal-prokura *per via di eccezione* izda *per via di azione* stante li *se mai* hemm si trattava ta` annullabilita` <u>mhux</u> ta` nullita`.

Il-konvenuti ma gabu l-ebda <u>prova</u> li kienu fondati s-*suspetti* li kellu Mario Baldacchino biex jagixxi kif irrizulta li agixxa. Lanqas ma tressqu <u>provi</u> li l-izbanki li ghamlet Pauline Schembri saru minnha ghaliex kienet *imgeghla* taghmel hekk minn hutha.

Dwar ir-raba` talba, l-atturi jghidu hekk –

*... una volta l-konvenut qieghed jammetti li d-depoziti kontenuti fil-kontijiet bankarji mal-HSBC bin-numri 008001992100 u 008001992051 jappartjenu lil Pauline Schembri, u allura llum lill-eredi taghha, hija propju din ir-raba` talba, fejn il-Qorti qed tintalab li taghti dawk il-provvedimenti l-ohra li jidhrilha xierqa, li tintitola lil din l-Onorabbli Qorti li tordna li l-flejjes kollha depozitati fiz-zewg kontijiet fuq imsemmija ghandhom jittiehdu mill-eredi ta` l-istess Pauline Schembri minkejja li l-ammonti odjerni fihom jissuperaw is-somom indikati fit-tieni u fit-tielet talba attrici. Ovvjament tali pronunzjament in kwantu ghal min huma tali eredi jiddependi mill-ezitu tal-kawza fl-ismijiet "Maria mart Mario Baldacchino et vs Victor Schembri et" (Cit Nru 1009/90 JZM) li qed tinstema` kontestwalment.*

**Ikkunsidrat :**

**IV. <u>Rizultanzi</u>**

**Il-Qorti tibda billi taghmel riferenza ghas-sentenza taghha tal-lum fil-kawza fl-ismijiet *Maria mart Mario Baldacchino et vs Victor Schembri et (Citaz Nru 1009/90 JZM).***
**Taghmel din ir-riferenza ghaliex l-esitu taghha ghandu effett <u>dirett</u> fuq il-kawza tal-lum fis-sens li jolqot kemm it-talbiet u l-eccezzjonijiet tal-kawza tal-lum. Ghar-rigward tat-talbiet, in kwantu tghid liema testment jirregola s-successjoni ta` Pauline Schembri, u kwindi min huma l-eredi ta` Pauline Schembri. Ghar-rigward tal-eccezzjonijiet, u d-difiza in generali ta` Mario Baldacchino fil-kawza tal-lum, tirreferi ghall-kwistjoni krucjali tal-kapacita` ta` Pauline Schembri li taghmel testment u li tezercita l-atti tal-hajja civili. Fil-kawza tal-lum Mario Baldacchino ddefenda l-agir tieghu, wara li kien notifikat bl-ittra ufficjali fejn kienet revokata l-prokura generali li kellu, abbazi ta` allegata nkapacita` mentali ta` Pauline Schembri. Fis-sentenza**

**fil-kawza *Maria mart Mario Baldacchino et vs Victor Schembri et (Citaz Nru 1009/90 JZM)* kienet respinta l-allegazzjoni ta` Mario Baldacchino li Pauline Schembri kienet mentalment inkapaci.**

Il-mandatarju ma jagixxi qatt f'ismu imma jagixxi dejjem u f`kull cirkostanza f'isem il-mandanti tieghu. Ghalkemm il-mandat huwa wiehed minn dawk il-kuntratti li ecezzjonalment jista' jigi terminat unilateralment bit-tnehhija tal-prokura [<u>Art 1886 (1) tal-Kap 16</u>], il-mandat jibqa' kuntratt bilaterali, u biex jinhall hemm bzonn li d-decizjoni tal-mandant li jnehhi l-mandat tigi komunikata lill-mandatarju. Hekk sar fil-kaz tal-lum bin-notifika ta` Mario Baldacchino tal-ittra ufficjali tas-26 ta` Mejju 1989. Dan ifisser illi kull att li ghamel Mario Baldacchino <u>wara</u> n-notifika ta` dik l-ittra ufficjali ma jistax jitqies li kien *in buona fede.* Jekk Mario Baldacchino kellu r-ragunijiet tieghu biex jikkontesta t-tnehhija tieghu bhala mandatarju, kien messu ha azzjoni *ad hoc* kontra Pauline Schembri, mhux ikompli jagixxi f`isem Pauline Schembri daqslikieku qatt ma kien notifikat bir-revoka tal-prokura. Semplici difiza kontra l-azzjoni ta` Pauline Schembri ma kenitx bizzejjed. Inoltre jekk, skond Mario Baldacchino, Pauline Schembri ma kenitx mentalment kapaci tnehhilu l-prokura, kif seta` jippretendi li kellu jedd jibqa` jagixxi ghaliha bis-sahha ta` prokura li nghatat lilu meta Pauline Schembri kienet kapaci, liema Pauline Schembri ma baqghetx aktar kapaci ? Fil-fehma tal-Qorti, il-mod Mrio Baldacchino mexa fil-fatt u fid-dritt kien ghal kollox zbaljat.

**Il-Qorti tikkondividi l-fehmiet espressi mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu, tghid illi ma hemmx ragunijiet ghala ghandha tiddiskosta ruhha minnhom u ghalhekk taghmilhom taghha.**

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta` u tiddeciedi din il-kawza billi –**

**Tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut.**

**Tilqa` l-ewwel talba attrici.**

**Tilqa` t-tieni talba attrici b`dan illi l-ammont ta` disat elef mitejn sebgha u tmenin Ewro wiehed u ghoxrin centezmu (€9287.21) ekwivalenti ghall-ammonti li fimkien huma ndikati fit-tieni talba ghandhom jithallsu lill-atturi mill-flus li huma depositati fil-kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc bin-Nru 008001992100 u 008001992051 u ntestati f`isem "*Mario Baldacchino as administrator of Pauline Schembri*".**

**Tilqa` t-tielet talba attrici limitatament ghall-ammont ta` elf mija disgha u sittin Ewro u hamsa u tletin centezmu (€1169.35) ekwivalenti ghal hames mija u zewg liri Maltin (Lm 502) b`dan illi dan l-ammont ghandu jithallas lill-atturi mill-flus li huma depositati fil-kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc bin-Nru 008001992100 u 008001992051 u ntestati f`isem "*Mario Baldacchino as administrator of Pauline Schembri*".**

**Tipprovdi dwar ir-raba` talba billi tordna r-rilaxx immedjat favur l-atturi tal-flus kollha li huma depositati fil-kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc bin-Nru 008001992100 u 008001992051 u ntestati f`isem "*Mario Baldacchino as administrator of Pauline Schembri*".**

**Tordna lill-konvenut sabiex ihallas l-ispejjez kollha ta` din il-kawza, inkluzi dawk tal-protest tas-16**

**ta` Novembru 1989 u tal-Mandati ta` Sekwestru u ta` Qbid tal-istess data.**

**Tordna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi imghax legali ta` tmienja fil-mija (8%) fis-sena fuq l-ammonti fuq ndikati ta` €9287.21 u €1169.35 relattivi ghat-tieni u fit-tielet talbiet, u dan b`effett mis-26 ta` Mejju 1989 sad-data tal-effettiv pagament ta` l-ammonti indikati, b`dan illi mill-kumulu tal-imghax legali ghandu jitnaqqas l-imghax li l-ammonti ndikati fit-tieni u fit-tielet talbiet irrendew kemm damu depositati fil-kontijiet mal-HSBC Bank Malta plc bin-Nru 008001992100 u 008001992051 u ntestati f`isem "*Mario Baldacchino as administrator of Pauline Schembri*".**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------